**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Ottubru, 2016**

**Rikors Guramentat Nru: 546/2006 AF**

**Dr. Mark Chetcuti bhala mandatarju specjali ta' Nisim Deri u b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Dicembru 2010, Dr. Johann Debono assuma l-atti tal-kawza minflok Dr. Mark Chetcuti**

**vs**

**Captain Morgan Cruises Limited (C-415102)**

**Captain Morgan Leisure Limited (C-325503)**

**S. Mifsud and Sons Limited (C-34104)**

**Anthony Muscat ezercenti l-kummerc bl-isem Oki Koki Banis**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Nisim Deri maħluf mill-Avukat (illum Imħallef) Dottor Mark Chetcuti li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-attur flimkien ma' persuna ohra bbukkja Captain Morgan Round Malta Day Cruise mix-Xatt tas-Sliema, nhar l-10 ta' Lulju 2001, u dan min gabbana operata minn certu Lydia. Il-biljett inhareg minn S. Mifsud & Sons.

Waqt li kienu fuq il-vapur Captain Morgan, operat minn Captain Morgan Cruises Limited jew Captain Morgan Leisure Limited, l-istess Lydia li akkumpanjathom fuq il-cruise offriet optional excursion ghall-gherien ta' Kemmuna u fil-fatt l-attur hallas lill-istess Lydia ghal dan l-optional excursion.

Ghal dan l-excursion l-attur u l-persuni li akkumpanjawh gew trasferiti ghal fuq speedboat operat mill-konvenut Anthony Muscat jew impjegat tieghu.

Huma u jirritornarw mill-gherien il-konvenut Anthony Mucat b'negligenza, imperizja, traskruagni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti saq bi speed qawwi u gie mwissi mill-passiggieri diversi drabi biex joqghod attent.

Minkejja dawn it-twissijiet, l-ispeedboat ghaddiet minn go mewga ta' dghajsa ohra li kien ghaddej tant li l-ispeed boat gholiet mill-ilma u nizlet lura b'tisbita.

Bid-daqqa li ha l-attur tar minn fuq is-seat u spicca mal-art fl-ispeedboat u wegga daharu mas-seat u l-passiggieri 'l ohra talbu lis-sewwieq iwassalhom sal-art u jcempel malajr ghall-ambulanza.

Ma kienx hemm raguni ghall-ispeed jew ghal mod kif l-ispeedboat dahlet gol-mewga hlief li s-sewwieq kien traskurat u negligenti fis-sewqan tieghu b'periklu ghall-passiggieri li ma kellhom ebda safety belts, poggaman jew inghataw xi safety instructions.

Kagun ta dan l-agir tal-konvenut Anthony Muscat, l-attur sofra danni materjali u debita permanenti kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-incident in kwistjoni gara unikament bi htija tal-konvenuti jew min minnhom.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorendo anki bl-opera ta' esperti nominati mill-Qorti.

3. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien jew min minnhom ihallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tal-4 ta' Marzu 2003.

U bl-imghax legali u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetajiet konvenuti Captain Morgan Cruises Limited u Captain Morgan Leisure Limited maħlufa minn Alfred Magro li permezz tagħha eċċepew illi:

Is-socjetajiet mhumiex responsabbli ghad-danni li allegatament sofra l-attur nomine.

Fir–rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafu u tar-rikors promotur, is-socjetajiet esponenti m'ghandhomx x'jikkumentaw stante illi ma hemmx mezz li jkunu jafu jekk fil-fatt l-attur xtrax il-biljett jew le, is-socjetà konvenuta Captain Morgan Cruises Limited hija l-proprjetarja tal-bastiment li jigi noleggjat lis-socjetà Captain Morgan Leisure Limited li din tal-ahhar topera l-eskursjonijiet u l-attivitajiet minn fuq il-bastiment hekk noleggjat lilha. Is-socjetajiet konvenuti kienu jippermettu lill-impjegati taghhom sabiex dawn l-impjegati ibieghu minn fuq il-bastiment tas-socjetajiet esponenti l-biljetti tal-istess Muscat, liema biljetti kienu jkunu wkoll stampati minnu, sabiex kull min ikun interessat jmur mawra fuq l-ispeed boat operata minn Muscat esklussivament, jixtri biljett. Il-flus tal-biljetti kienu mbaghad jghaddu ghand Anthony Muscat solitament fl-ahhar tal-gurnata mill-impjegat li jkun gabar il-flus u l-istess impjegat li jkun biegh il-biljett partikolari kien

personalment izomm ghalih commission ta' hamsin centezmu ghall-bejgh tal-biljetti lill-adulti u hamsa u ghxorin centemzu commission fuq biljetti mibjugha lil tfal taht tnax-il sena.

Fir-rigward tal-paragrafi minn numru erbgha sa tmienja tar-rikors promotur, is-socjetajiet konvenuti m'ghandhomx xi jghidu stante illi jirrigwardaw agir u akkadut li ma garaxx fuq bastimenti taghhom izda fuq speedboat operata minn terzi.

Fir-rigward tad-disa' paragrafu tar-rikors promotur, is-socjetajiet konvenuti jsostnu illi ntaghtet lill-attur nomine risposta fejn il-pretensjonijiet maghmulha fl-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 2003 gew michuda, kopja ta' liema risposta qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "A".

Salv risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta konvenuta S. Mifsud & Sons Limited maħlufa minn Joseph Sacco li permezz tagħha eċċepiet illi:

In linea preliminari S. Mifsud & Sons Limited mhijiex il-legittima kontradittrici, u konsegwentement ghanda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi:

(a) Huwa palesi, anke mill-istess rikors promotur illi S. Mifsud & Sons Limited ma kkagunat l-ebda danni lill-Nisim Deri.
(b) L-unika involviment li kellha S. Mifsud & Sons Limited fil-kwistjoni kollha kienet illu hija gixxiet bhala ticketing agent ta' Captain Morgan Cruises Limited u b'dan agir zgur ma tistax tinzamm responsabbli ghal xi griehi li seta' sofra r-rikorrent.
(c) S. Mifsud & Sons Limited m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma' Anthony Muscat ghalhekk ma tistax tigi tenuta responsabbli ghal kwalsiasi agir teighu.

(d) S. Mifsud & Sons Limited ma kienitx hatja ta' traskuragni, negligenza, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u imrudenza lejn Nisim Deri.

Inoltre anki jekk it-talba attrici tigi milqugha, l-esponenti m'ghandha tbati ebda spejjez tal-kawza.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Anthony Muscat eżerċitanti l-kummerċ bl-isem ta' Oki Koki Banis li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-preskrizzjoni kwinkennali ai termini tal-Artikolu 2154 (1) tal-Kap. 16 u tal-Artikoli 216 (1) (d) u 688 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-meritu, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ta' uħud mill-konvenuti.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur nomine qiegħed jiltob lill-Qorti ssib illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għall-allegat inċident li seħħ fl-10 ta' Lulju 2001 meta l-attur nomine weġġa' dahru waqt li kien fuq *speedboat* misjuqa mill-konvenut Anthony Muscat. Huwa talab lill-Qorti tillikwida d-danni li huwa jgħid illi sofra kawża ta' dan l-inċident.

Il-konvenuti ressqu diversi eċċezzjonijiet kemm ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu. Iżda din il-Qorti jirriżultalha li m'għandhiex għalfejn tiddedika wisq ħin teżamina dawn l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti in kwantu li mill-provi prodotti huwa ċar illi l-attur nomine assolutament ma pprovax is-sekwenza ta' fatti msemmija fir-rikors ġuramentat tiegħu u naturalment isegwi li ma jistax jirnexxi fit-talbiet tiegħu.

L-attur nomine qajla jista' jingħad li ppreżenta provi in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu. Huwa ppreżenta diversi dokumenti li ma ġewx spjegati iżda li donnhom juru kemm kien jipperċepixxi paga, kopja ta' biljett allegatament maħruġ mis-soċjeta konvenuta S. Mifsud and Sons Limited u ieħor ta' 'Oki-Ko-Ki Banis' u *Round Malta Day Cruise pamphlet* allegatament maħruġ mis-soċjetà konvenuta Captain Morgan Cruise Limited jew Captain Morgan Leisure Limited. Huwa ppreżenta wkoll rapport meterjoloġiku dwar it-temp fil-ġurnata tal-allegat inċident, maħruġ mill-uffiċċju meterjoloġiku, minn fejn jirriżulta li matul dik il-ġurnata ir-riħ kien bejn forza 2 u forza 5. L-attur nomine ressaq ukoll bħala xhieda rappreżentanti tas-soċjetajiet konvenuti li spjegaw il-proċedura tal-operat tagħhom fir-rigward ta' servizzi offruti minn terzi bħal ma kien it-traġitt fuq *speedboat* misjuqa mill-konvenut Anthony Muscat.

Għar-rigward tal-ġrieħi li sofra, l-attur nomine ppreżenta kopja ta' rapport mediku maħruġ mill-kirurgu Dr Jonathan Mohnani u ġie preżentat ukoll affidavit tal-kirurgu Mr Charles Grixti li kkonferma l-griehi li nstab illi kien qiegħed isofri l-attur meta ddaħħal l-isptar fl-10 ta' Lulju 2001. Il-kirurgu jgħid illi l-kaġun ta' dawn il-ġrieħi kien l-inċident illi jsemmi l-attur nomine fir-rikors ġuramentat tiegħu, iżda naturalment dan ix-xhud kien qiegħed jikkonferma biss dak illi kien qallu l-attur nomine dwar kif sofra dawn il-grieħi. Xehed ukoll it-tabib Clarence Pace li ppreżenta kopja tar-records mediċi tal-attur nomine, minn fejn jirriżulta li l-attur nomine ddaħħal l-isptar San Luqa fl-10 ta' Lulju 2001. B'riferenza għar-rapport mediku tal-kirurgu A. Bruskin a fol. 213 et seq tal-proċess, jirriżulta li qatt ma ġie ppreżentat l-oriġinal ta' dan id-dokument. Iżda fi kwalunkwe każ, il-Qorti tqis illi hawnhekk ukoll, il-kirurgu seta' biss jikkumenta dwar dak illi qallu l-attur nomine dwar kif sofra l-ġrieħi li lmenta minnhom mar-rittorn tiegħu fl-Israel u bl-ebda

mod il-Qorti ma tista' tibbaża l-ġudizzju tagħha fuq dawn ir-rapporti mediċi waħidhom.

Ġew esebiti dikjarazzjonijiet oħra, inkluż tal-attur nomine, iżda in kwantu li ebda minn dawn id-dokumenti ma kienu maħlufa, il-Qorti ordnat l-isfilz tagħhom fuq talba tal-abbli difensuri tal-konvenuti fl-udjenza tal-24 ta' April 2012.

Jibqa' dejjem il-prinċipju illi minn jallega jrid jipprova. Isegwi l-prinċipju l-ieħor illi *actor non probante, reus absolvitur*. Kien jinkombi lill-attur nomine li jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li veru seħħ l-inċident illi huwa qiegħed jilmenta minnu u li dan seħħ bi ħtija tal-konvenuti għaliex il-prova hija dejjem mixħuta fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Carmelo Saydon vs Anthony Bonavia tal-4 ta' Ottubru 2006:

> "*Tibqa' esiġenza tad-dritt probatorju li tqiegħed a karigu ta' min jallega fatt illi jġib 'il quddiem prova dimonstrattiva tiegħu għall-konvinċiment tal-ġudikant.*"

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Gaetana Mamo vs Therese Mercieca et tas-26 ta' Ottubru 2005, il-Qorti qalet hekk:

> "*In bazi ghad-dritt probatorju, kull parti ghandha f'kaz bhal dan id-dmir li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt allegat, favorevoli ghat-tezi taghha. L-oneru hu distribwit b' mod li l-attrici trid tipprova l-fatti kostituttivi tad-dritt azzjonat minnha ("actori incumbit probatio") mentri l-konvenuti huma tenuti jipprovaw il-fatt minnhom allegat kostitwenti l-kontroprova offerta biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-attrici ("reus in excipiendo fit actor"). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5. Naturalment, il-piz probatorju tal-konvenuti jinsorgi konkretament fil-kaz biss li l-attrici tkun ressqet prova tal-fatti posti bhala bazi tad-domanda taghha. Dan ghaliex in-nuqqas jew insufficjenza tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenuti biex tikkonfuta l-pretensjoni ta' l-attrici ma jiddispensax lil din mill-oneru li tiddemostra adegwatament il-legittimità u l-fondatezza tal-meritu tat-talba taghha.*"

Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Kenneth Cassar vs Samy El Saghtir tat-23 ta' Novembru 2005:

> *"Huwa indubitat illi min irid jivvalora dritt li jippretendi li ghandu jehtieglu jipprova l-fatti li jikkostitwixxu l-fondament ta' dak l-istess dritt. Dan fis-sens illi jinkombi bi dmir fuq il-parti li tallega fatt favorevoli ghaliha li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt. Skond id-dritt probatorju, il-karattru favorevoli tal-fatti allegati huwa kriterju ta' distribuzzjoni ta' l-oneru tal-provi. Dan kemm jekk il-fatti jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat ("actori incumbit probatio") u sija jekk il-fatti jingiebu a bazi ta' l-eccezzjoni tal-konvenut biex jikkontrastaw l-pretiza ta' l-attur ("reus in excipiendo fit actor"). Huma dawn ir-regoli legali ta' gudizzju li jikkonsentu lill-gudikant japproda ghal decizjoni fil-meritu."*

Hekk ukoll fis-sentenza tagħha fl-ismijiet F Advertising Limited vs Simon Attard tal-21 ta' Mejju 2010, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk:

> *"Kif imtenni bosta drabi minn din il-Qorti, id-disponibilità tal-provi hi dejjem imhollija fl-inizzjattiva tal-parti. Dan, multo magis, imbaghad in vista tal-principju generali li l-oneru tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba biex issostni d-domanda. Jekk dan ma jsirx, u fid-djalettika processwali l-parti tonqos li ggib il-prova okkorrenti, dik l-istess parti ma tistax tlum lit-Tribunal milli jiddeciedi iuxta alligata et probata ghax dan hu wkoll principju konsagrat fid-duttrina procedurali u, in kwantu tali, jintitola lill-gudikant li jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvincenti."*

Imbaghad, fil-kawża Lennart Depasquale vs Savour Zammit tad-29 ta' Mejju 2009, il-Qorti tal-Appel Inferjuri qalet illi:

> *"Fin-nuqqas, kellu japplika l-massima actore non probante reus absolvitur. Dan ghaliex anke f'kazi ta' din ix-xorta kien*

*jispetta lill-attur illi jipprova l-premessi ghat-talbiet tieghu, l-iprem fosthom li r-responsabilità ghas-sinistru kellha tigi akkollata lejn il-konvenuta". Ara "Fogg Insurance Agencies Limited nomine et –vs Maryanne Theuma", 22 ta' Novembru, 2001.*

Hekk ukoll fis-sentenza tagħha fl-ismijet Carmel Mifsud Borg vs Kurt Farrugia tal-11 ta' Diċembru 2009, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk:

"*F'kawza civili l-attur irid almenu jipprova fi grad li trid il-Ligi u cioe' f'dak ta' probabilità, illi huwa sofra hsara b'tort tal-konvenut. Jekk ma jaghmilx din il-prova l-azzjoni tieghu ma tistax tirnexxi.(ara Dr H Lenicker vs J Camillieri Prim Awla deciza fil- 31 ta' Mejju 1972) anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li ma jkunx responsabbli ghall-hsara lamentata mill-attur. F'dan il-kaz il-konvenut ghazel is-silenzju, dritt li kellu skond il-ligi u halla kollox f'idejn l-attur sabiex jipprova l-kaz tieghu. Kif gia nghad, l-aktar prova mportanti u cioe' l-konnessjoni tal-konvenut ma' l-artikolu in kwistjoni ma gietx ippruvata (ara Joseph Tonna vs Philip Azzopardi Appell Inferjuri 12 t'April 2007).*"

L-istess Qorti, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Korporazzjoni Enemalta vs Joseph Vassallo et tas-17 ta' Ottubru 2008, qalet hekk:

"*Fil-fehma ponderata ta' din il-Qorti dawn huma kollha sitwazzjonijiet ipotetici li fl-ebda mod ma jiskossaw il-punt bazilari illi min jallega jrid jipprova. Dan permezz ta' prova li, f'kazijiet ta' din ix-xorta, trid twassal biex, b'mod adegwat u konvincenti, tikkreja n-ness ta' kawzalità ta' fatt bejn il-kondotta ta' l-agent u l-event dannuz. Hu, wara kollox, il-kardini tas-sistema tar-responsabilita` extrakontrattwali, jew akwiljana, illi ghad-danni kawzati lil terzi huwa l-awtur tal-lezjoni li ghandu jwiegeb ghar-rizarciment ta' dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw.*

*Maghdud dan, il-gudikant, li ghandu l-kompitu li jistabilixxi s-sussistenza ta' dak l-istess ness kawzali, ma jistax jirrikorri la ghal spekulazzjonijiet dwar min seta' kien l-awtur tad-dannu, u lanqas ghall-intwizzjoni proprja, anke jekk, talvolta, din tkun bazata fuq il-logika. Huwa ghandu, inveci, ghall-accertament ta' dak l-istess ness jevalwa l-elementi kollha tal-fattispeci ghall-iskop li jistabilixxi, b'mod objettiv u fil-konkret, il-fatt li jkun ipproduca l-hsara u, konsegwentement, l-awtur li dak l-istess fatt ikun giebu fis-sehh."*

Finalment, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Attard vs Joseph Xerri tat-12 ta' Lulju 2007, il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet illi:

"*Tajjeb li jigi mfakkar illi l-kwalifikazzjoni tad-deduzzjoni probatorja bhala oggett ta' "oneru" iggib maghha bhala konsegwenza illi l-inadempiment jew il-falliment taghha titraduci ruhha fi zvantagg ghal min hu hekk gravat b' dan il-piz. Dan ghal raguni illi l-fatt favorevoli minnu allegat jithalla fi stat ta' incertezza u tali qaghda tissarraf f' dannu ghalih."*

L-attur nomine kien jeħtieġlu li jipprova l-fatti prinċipali u kostituttivi tal-pretensjonijiet tiegħu kontra l-konvenuti. Iżda huwa naqas milli jippreżenta l-iċken prova dwar kif seħħ l-inċident billi ma tressaq ebda affidavit jew xhud sabiex jixhed dwar x'ġara dakinhar tal-allegat inċident. L-attur nomine lanqas ressaq dikjarazzjoni maħlufa tiegħu nnifsu bħal ma lanqas ressaq lil Anthony Muscat li allegatament kien qiegħed isuq l-*ispeedboat* dakinhar. Isegwi għalhekk li l-attur nomine naqas milli jressaq prova għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti dwar l-inċident in kwistjoni qua l-allegat fatt dannuż u n-ness bejn dan l-inċident u d-danni li huwa jgħid illi sofra.

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet, Cassar Airconditioning Systems Limited vs Norman Zammit deċiża fl-1 ta' Marzu 2006 qalet hekk:

"*Il-Kodiċi Ċivili tagħna ma jikkontjeni ebda tifsira ta' x'inhu ness ta' kawżalità. Jgħid biss illi "kull wieħed iwieġeb għall-*

*ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu" (Artikolu 1031) li, indiskriminatament, huwa applikat mill-Qrati anke għal rapporti kontrattwali. Hu però elementari, tirrileva s-sentenza a Vol. XLI P II p 800, fuq it-tagħlim tal-Fadda (Giurisprudenza sul Codice Civile, Vol. V, paġna 721), illi "per dare luogo a responsabilità è necessario che esista un rapporto di causo ed effetto tra il fatto illecito e il danno". Din hi l-hekk imsejħa "kawżalità tal-fatt" fis-sens illi mentri ta' l-ewwel tirreferi għar-rapport li jorbot il-kondotta ma` l-event dannuż, fit-tieni, din tistabilixxi r-rilevanza ġuridika tal-konsegwenzi ekonomiċi sfavorevoli derivanti mill-fatt. In-ness hu allura dak l-istrument utiliżżat biex jiġi mputat id-dannu f'min hu responsabbli, kif ukoll biex tiġi determinata l-konsegwenza tal-fatt dannuż riżarċibbli.*"

Fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet Martin Paul Vella vs Chris Micallef, l-istess Qorti qalet hekk:

"*F'materja ta' danni hu ben assodat illi l-kundanna dwarhom tippresupponi htija f'min ikun gabhom fis-sehh. Htija din li trid per forza tirrizulta minn xi att jew trasgressjoni tad-dover u mankanza tad-debita diligenza, ghal liema jirreferu l-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili. Bir-ragun, kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet "George Thomas Davison -vs- Joseph Azzopardi nomine", Appell Kummercjali, 2 ta' Marzu, 1962, "mill-analisi ta' l-istess disposizzjonijiet tal-ligi jirrizulta illi ghall-applikazzjoni taghhom ghandhom jikkonkorru tliet elementi li huma (1) il-fatt dannuz illecitu, (2) l-imputabilità ta' l-istess fatt ghal min ikun ghamlu, u (3) id-dannu kagonat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tliet elementi ghandhom bilfors jikkonkorru f'delitt civili, jew fi kwazi-delitt li jobbligaw l-awtur taghhom ghar-rizarciment tad-dannu kagonat mhux biss lill-vittma ta' l-att illecitu, imma anke lil kull min indirettament jirrizenti d-danni; liema delitti u kwazi-delitti huma msemmijin mil-legislatur fir-rubrika tal-Kap II tas-Subtitolu II tat-Titolu IV tat-Tieni Parti tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili, u li huma kumulattivament dezinjati taht l-isem generiku ta' 'htija' fl-artikolu citat;*

*Huwa bil-wisq logiku illi jekk din il-htija ma tigix ammessa jew konfessata, l-istess riedet tigi investigata u determinata, preordinatament ghall-kundanna. Jikkonsegwi illi l-ezercizzju li kellu jsir mill-Gudikatur kien wiehed li jimporta mhux biss attenzjoni lill-allegazzjoni ta' l-atturi imma wkoll lid-difiza tal-konvenut. Fuq kollox, jekk giex sewwa u konvincentement sodisfatt il-principju tal-piz tal-provi da parti ta' l-atturi, trattasi li l-kolpa f'materja akwiljana trid dejjem tigi provata minnhom. Prova din li l-Gudikatur kellu jakkwizixxi mill-materjal probatorju offert jew dezunta mill-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz;*

*Hi dottirna elementari sew maghrufa illi "per dare luogo a responsabilità è necessario che esiste un rapporto di causa ad effetto tra il fatto illecito e il danno" (ara Fadda, "Giurisprudenza sul Codice Civile", Vol. V p. 721). Dan il-principju sab rispons favorevoli f'diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna, kif tixhed is-sentenza fl-ismijiet "Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928. Fi kliem iehor, "hu imprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuz" ("John Debono et -vs- Negte. Joseph Muscat proprio et nomine", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960. Ara wkoll "Paul Debono -vs- Malta Drydocks", Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' April, 2005*.'

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha din il-Qorti llum, fin-nuqqas ta' prova dwar kif seħħ l-allegat inċident, u aktar minn hekk, dan l-inċident seħħx tort tal-konvenuti, it-talbiet tal-attur nomine qegħdin jiġu miċħuda.

Għar-raġunijiet premessi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet tal-attur nomine bl-ispejjeż kontra tiegħu.

IMHALLEF

DEP/REG